MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 230/2008

**Kawza Nru: 43**

**Rikors Guramentat Nru: 230/08 AF**

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C D**

**-vs-**

**1. E D**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**
**3. F G**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' A B li permezz tieghu din ippremettiet:

Illi r-rikorrenti A B tul iz-zwieg taghha mal-intimat E D kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor F G, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel C D fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April, elfejn u erbgha (2004) skond certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok "A";

Illi fl-imsemmi certifikat Dok "A" fil-kolonni relatati ma' "Taghrif dwar Missier it-tarbija" tnizzlu d-dettalji tal-intimat E D;

Illi skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-missier bijologiku tal-minuri C D huwa l-intimat F G u mhux E D;

Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) l-istess rikorrenti kienet infirdet "de jure" mill-imsemmi E D skond kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Vanesa Pool datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) hawn anness u mmarkat Dok "B";

Illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri C D ghandu jigu emendat fis-sens illi juri l-missier naturali tat-tarbija bhala l-intimat F G.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri C D mhuwiex it-tifel naturali tal-intimat E D izda huwa t-tifel naturali tal-intimat F G b'mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f'dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' C D numru *omissis* biex il-paternita' tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonni fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-intimat E D jigu emendati u minnflok jigu registrati l-konnotati tal-intimat F G kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li r-rikorrenti tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat F G. Inoltre, jekk it-talbiet tar-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem "*the said*" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm fuq l-att tat-twelid.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-isD.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, kemm l-intimat E D kif ukoll F G, ghazlu li ma jipprezentawx twegiba ghar-rikors gurament.

Permezz ta' din il-kawza, A B, qed titlob lill-Qorti tiddikjara li binha minuri C D huwa fil-fatt iben F G u mhux iben zewgha E D li minnu hija mifruda legalment.

Jirrizulta illi A B u E D infirdu legalment fit-22 ta' Ottubru 2003. Kienu madanakollu, ilhom jghixu mifrudin ghal xi tlett xhur, u dan skond ma kkonfermaw bil-gurament kemm ir-rikorrenti, kif ukoll l-intimati E D u F G.

L-ezami xjentifici li saru fuq kampjuni bijologici mehuda mill-minuri, mill-omm u minn F G juru b'certezza li dan ta' l-ahhar huwa fil-fatt il-missier bijologiku tal-minuri C. Dan gie konfermat bil-gurament mill-ispizjara Marisa Cassar permezz tal-affidavit taghha (fol. 32).

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hi sodisfatta li l-missier tal-minuri C D huwa F G.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li C D huwa iben F G.

2. Il-Qorti tordna ukoll li fl-att tat-Twelid Nru. *omissis* fil-kolonna intestata "Taghrif dwar Missier it-Tarbija" jithassru isem E D u l-konnotati tieghu, u jitnizzlu minnflok l-isem ta' F G li ghandu karta tal-identita' Nru. *omissis*, eta' ta' wiehed u tletin sena, imwieled *omissis (post)* residenti *omissis(post)* iben *omissis (isem)*, haj.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------